**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima LL.M., LL.D.**

**Appell Nru: 291/2018**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Ephrayel Azzopardi**

Illum, 24 ta' Settembru 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellat, Ephrayel Azzopardi, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 310596M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja talli nhar l-għaxra (10) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017), għall-ħabta tad-disgħa u kwart ta' filgħaxija (21:15hrs) ġewwa Triq it-Tlett Ibliet, Bormla:

a) B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tiegħu, u/jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti tat-traffiku, ikkaġuna l-mewt ta' Alashia Azzopardi ai termini tal-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
b) B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tiegħu, u/jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti tat-traffiku, ikkaġuna feriti ta' naturi gravi fuq il-persuna ta' Cheyenne Azzopardi ai termini tal-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
c) B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tiegħu, u/jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti tat-traffiku, ikkaġuna feriti ta'

naturi gravi fuq il-persuna ta' Shemizen Azzopardi ai termini tal-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

d) B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tiegħu u/jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti tat-traffiku, ikkaġuna feriti ta' naturi ħafifa fuq il-persuna ta' James Farrugia ai termini tal-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

e) B'nuqqas ta hsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tiegħu, u/jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti tat-traffiku, għamel ħsara involontarja fuq il-vettura tal-għamla *Toyota* tip *Fun Cargo* bin-numru ta' reġistrazzjoni LCN-439 għad-dannu ta' James Farrugia u dan ai termini tal-Artikolu 328(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

f) Saq vettura tal-għamla *Isuzu* tip *Gemini* bin-numru tar-registrazzjoni CAE-746 b'manjiera traskurata u perikoluza u dan ai termini tal-Artikolu 15(1)(a) u (b) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

g) Ma kienx liebes ċintorin tas-sigurta' waqt li kien qiegħed isuq il-vettura tal-għamla *Isuzu* tip *Gemini* bin-numru tar-registrazzjoni CAE-746.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-19 ta' April 2021, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat Ephrayel Azzopardi ħati tal-akkużi (a) sa (f) stante li ma ġewx ippruvati izda sabitu ħati biss tal-akkuza (g) u wara li rat ir-Regolamenti 3, 12 u 13 tal-Liġi Sussidjarja 65.12 tal-Liġijiet ta' Malta kkundannatu għal ammenda ta' sitta u erbgħin ewro (€46). *Inoltre'*, u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti kkundannat lill-imputat għal-ħlas tal-ispejjez peritali li kellhom impatt fuq is-sejbien ta' ħtija u li dawn jammontaw għal elf, tmien mija u tnejn u sebgħin Ewro u wieħed u sittin ċentezmu (€1,872.61).

Rat ir-rikors tal-appellant, Avukat Ġenerali, ippreżentat fil-11 ta' Mejju 2021, fejn talab lil din l-Qorti tvarja w tbiddel is-sentenza appellata in kwantu l-liberatorja mill-imputazzjonijiet (a), (f) u (e), u filwaqt illi tikkonferma l-liberatorja fuq l-imputazzjonijiet (b), (c) u (d), u filwaqt illi tikkonferma l-ħtija fuq l-imputazzjoni (g), tgħaddi biex issib l-imputat *quo* appellat Ephrayel Azzopardi ħati wkoll tal-imputazzjonijiet (a), (f) u (e) fil-konfront tiegħu, u b'hekk tipproċedi sabiex tinfliġġi piena idoneja w skont il-Liġi.

Rat l-aggravji imressqa mill-appellant Avukat Ġenerali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti tibda biex tgħid illi hija kemmxejn perplessa kif l-Avukat Ġenerali sab oġġezzjoni għas-sentenza ta'l-Ewwel Qorti fejn din illiberat lill-appellat mill-imputazzjonijiet bl-ittri (a), (f) u (e), iżda qed jitlob il-konferma fejn kien hemm il-liberazzjoni mill-imputazzjonijiet bl-ittri (b), (c) u (d), billi dawn l-imputazzjonijiet kienu marbuta mal-istesss inċident stradali li l-appellant Avukat Ġenerali qiegħed jinsisti illi għalih l-appellat Azzopardi kien responsabbli. Dan għaliex l-ilment ta'l-Avukat Ġenerali essenzjalment jirrigwarda l-apprezzament ta' provi magħmul mill-Ewwel Qorti dwar id-dinamika ta'l-inċident, liema apprezzament, fil-fehma tiegħu, kien wieħed erronju kemm fattwalment kif ukoll legalment, w ukoll għaliex d-deċizjoni finali ta' l-Ewwel Qorti hija msejsa fuq konsiderazzjonijiet ta' uħud mill-provi, u għalhekk l-apprezzament ma sarx b'mod ħolistiku hekk kif jemerġi mill-atti proċesswali.

Illi, stabbilit li l-aggravju uniku tal-appellant jikkonċerna l-apprezzament tal-provi, il-Qorti reġgħet eżaminat mill-ġdid l-atti tal-kawża u dana sabiex tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament magħmul mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1].

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Illi minn eżami tal-atti jemerġi illi nhar l-10 ta' Mejju 2017, għall-ħabta tad-disgħa u kwart ta' filgħaxija, il-Pulizija ġiet infurmata li kien seħħ inċident stradali ġewwa Triq it-Tlett Ibliet, Bormla bejn żewġ vetturi, waħda tal-għamla *Toyota*, tip *Funcargo*, bin-numru ta' reġistrazzjoni LCN 439, u oħra tal-għamla *Isuzu*, tip *Gemini*, bin-numru ta' reġistrazzjoni CAE 746. F'dan l-inċident weġġgħu ħames persuni, l-appellat Ephrayel Azzopardi, l-passiġġieri li kienu rekbin fil-vettura miegħu, Cheyenne Azzopardi, Shemizen Azzopardi, Alashia Azzopardi, u James Farrugia, is-sewwieq tal-vettura l-oħra involuta fl-inċident. Dawn sofrew grieħi gravi, b'waħda minnhom Alashia Azzopardi, sfortunatament aktar tard titlef il-battalja għall-ħajja nhar il-11 ta' Mejju 2017.

Illi l-ewwel verżjoni tal-fatti li temerġi dwar id-dinamika tas-sinistru stradali jinsab fir-***Road Traffic Accident Report***" redatt mill-Pulizija nvestigattiva[2]. James Farrugia, li kien is-sewwieq tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LCN 439 *a tempo vergine* igħid hekk – "*Kont sejjer fid-direzzjoni ta' Għajn Dwieli fejn f'ħin minnhom rajt il-vettura l-oħra dieħla ġo fiha*". Minn naħa l-oħra, l-appellat Ephrayel Azzopardi li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CAE 746, jispjega lil pulizija:

> "*Kont niezel minn naħa t'Għajn Dwieli u meta għafast il-brejk ħassejt il-karozza tiġbed iktar fejn ippruvajt naqla l-gear biex ma tibqax tiġri. Sakemm ħarist lejn il-gear lever il-karozza marret fuq il-lane l-oħra u meta ppruvajt nerġa nidħol fil-lane tiegħi l-karozza daret fejn kien dak il-ħin li ħassejt id-daqqa mal-ewwel. Dak il-ħin spiċċajt barra fit-triq u qomt ippanikjajt fejn ċaqlaqt lil għarusa Cheyenne fejn kien dak il-ħin li fetħet għajnejha u meta ċċekjajt liz-zewġ passiġiera l-oħra ndunajt li ma bdewx ikellmuni kif ukoll lil Alashia għamilt mimduda fuq is-seat.*"

Il-vittmi l-oħra ma tantx jitfgħu dawl fuq id-dinamika ta'l-inċident.

Illi fil-kors ta'l-investigazzjoni dwar l-*in genere* ġew maħtura diversi esperti sabiex igħinu fl-istħarriġ dwar l-inċident mertu tal-każ. Illi l-Inkwirenti tasal għas-segwenti konkluzjoni:

> **"Illi jirrizulta illi fl-10 ta' Mejju 2017 għall-ħabta tad-9:15pm seħħ inċident tat-traffiku fi Triq it-Tlett Ibliet, Bormla u ezattament taħt il-mina li hemm fl-istess triq. Illi jirrizulta illi kien hemm impatt qawwi bejn il-vettura tal-għamla Izuzu Gemini bin-numru ta' reġistrazzjoni CAE746 misjuqa minn**

[2] Fol.11 et.seq.

**Ephrayel Azzopardi u l-vettura tal-għamla Toyota Fun Cargo bin-numru ta' reġistrazzjoni LCN 439 misjuqa minn James Farrugia.**

**Illi jirrizulta illi l-vettura tat-tip Isuzu kienet qiegħdha tiġi misjuqa fid-direzzjoni ta' Bormla filwaqt li l-vettura tat-tip Toyota kienet qiegħdha tiġi misjuqa fid-direzzjoni ta' Raħal Ġdid meta l-vettura Isuzu daħlet b'qawwa fil-karreġjata opposta, ħabtet mal-vettura Toyota u reġgħet daret fid-direzzjoni minn fejn kienet ġejja.**

**Illi Ephrayel Azzopardi xehed illi hu u niezel in-nizla ta' Għajn Dwieli, weħillu t-third gear u meta għafas il-clutch u mess il-brake ħass qisu xi ħadd qed jimbuttah minn wara u l-vettura b'xi mod ħadet aktar gass.**

**Illi skond il-konstatazzjonijiet tal-Perit Tekniku, Ephrayel Azzopardi kien qiegħed isuq b'mod eċċessiv u kien għal din ir-raġuni li seħħ l-impatt vjolenti.**

**Illi jirrizulta illi f'dan l-inċident tilfet ħajjitha Alashia Azzopardi, oħt Ephrayel Azzopardi. Ġarrbu ukoll ġrieħi iz-zewġ passiġieri l-oħra li kien hemm fil-vettura Isuzu u ċioe it-tfajla ta' Ephrayel Chayenne Azzopardi u ħuh Shemizen Azzopardi.**

**Illi jirrizulta illi ħadd mill-persuni li kienu fil-vettura misjuqa minn Ephrayel Azzopardi ma kien liebes ċintorin tas-sigurta'. Is-sedil ta' wara ma kienx mgħammar b'ċintorini tas-sigurta'. Il-vittma Alashia Azzopardi kienet passiġiera fuq is-sedil ta' wara in-naħa tax-xuffier.**

**Illi mir-relazzjoni tal-espert forensiku Dr Mario Scerri jirrizulta illi Chayenne Azzopardi kellha laċerazzjoni li tista' tibqa' marka vizibbli filwaqt li Shemizen Azzopardi soffra feriti ħfief. Is-sewwieq tat-tip Toyota, James Farrugia , ma soffra ebda feriti.**

**Illi wara dan l-inċident iz-zewġ vetturi ġew stmati bla ebda valur.**

**Illi għalhekk prima facie jirrizulta illi dan l-inċident ġie kawzat bis-sewqan eċċessiv ta' Ephrayel Azzopardi."**

Issa dak li jidher illi kien in kontestazzjoni f'dan il-każ ma kienx daqstant il-kwistjoni dwar liema mis-sewqan taż-żewġ sewwieqa involuti fl-inċident wassal għall-impatt, u dan għaliex is-sewwieq tal-vettura LCN 439, James Farrugia, ma jidhirx illi kkontribwixxa għal dan is-sinistru billi huwa kien qed isuq, u dejjem baqa' jsuq, fuq il-karreġġjata tiegħu tat-traffiku. Lanqas ma jidher lil ġie lilu attribwit xi sewqan traskurat, negliġenti jew perikoluż. Fil-fatt fix-xiehda tiegħu fil-qorti[3], James Farrugia jispjega illi dakinhar tal-inċident, għall-ħabta tad-disgħa u kwart ta' filgħaxija, kien

[3] Fol. 208 et.seq.

qed isuq il-vettura tiegħu minn Bormla fid-direzzjoni ta' Għajn Dwieli u kif daħal fil-mina ta' Għajn Dwieli, jiftakar li ra karozza oħra ġejja mid-direzzjoni l-opposta u seħħ l-impatt. Xehed ukoll li qabel l-impatt sema' ħoss qawwi ta' brejk. Illi huwa inkontestat illi l-kawza prossima ta'l-inċident stradali kien il-fatt illi l-appellat ghal xi raġuni tilef il-kontroll tal-vettura li kien qed isuq u spiċċa fuq il-karreġġjata tat-traffiku ġej mid-direzzjoni l-opposta. Mhux inkontestat lanqas li l-impatt kien wieħed qawwi ħafna u l-ħsarat subiti kienu konsiderevoli tant illi kwazi l-persuni kollha involuti sofrew griehi sostanzjali, b'wahda minnhom titlef hajjitha, u ż-żewġ vetturi jispiccaw bi ħsarat estensivi tant illi ekonomikament ma kenux jissewwew.

Illi l-appellat jikkontendi illi huwa kien prudenti fis-sewqan tiegħu u li dan kien każ fortwit li seħħ kaġun ta' xi ħsarat mekkaniċi li żviluppaw fil-vettura waqt is-sewqan, tant illi dawn wasslu sabiex huwa ma kellux aktar kontroll fuqha, spiċċa fuq in-naħa l-oħra tat-triq u ħabat ma' vettura ġejja mid-direzzjoni l-opposta.

Illi l-Avukat Ġenerali jilmenta mill-fatt illi l-Ewwel Qorti ma tatx piż biżżejjed lir-rapport ta'l-espert tal-qorti Mario Buttigieġ li fir-rapport tieghu[4] ighid hekk:

> **"Illi din l-allegata kollizjoni seħħet ġo Triq Għajn Dwieli, Bormla meta vettura li għandha n-numru ta' reġistrazzjoni LCN 439 ta' għamla Toyota mudell Funcargo li kienet misjuqa minn James Farrugia fil-karreġjata tiegħu. Illi minn naħa vettura oħra ta' għamla Isuzu mudell Gemini bin-numru tar-reġistrazzjoni CAE 746 kienet qed tiġi misjuqa mid-direzzjoni opposta minn Ephrayel Azzopardi li kellu miegħu rikbin diversi passiġieri. Illi waqt li kien qed isuq il-vettura tiegħu, Ephrayel Azzopardi għal xi raġuni qasam il-karreġjata u baqa' dieħel fil-vettura li kien qed isuq Farrugia illi kien ġej mid-direzzjoni opposta.**
>
> **Illi kien l-10 ta' Mejju 2017 għall-ħabta tad-disgħa u kwart ta' filgħaxija u skond l-evidenza li l-esponent kellu f'idu u anki meta l-esponent għamel aċċess it-temp kien wieħed tajjeb waqt li t-triq kienet xotta u l-vizibilita kienet tajba. Illi Azzopardi kellu rekbin miegħu lit-tfajla tiegħu li jisimha Cheyenne Azzopardi fuq quddiem u lil oħtha Alashia Azzopardi u lil ħuh li jismu Shemizan Azzopardi fuq wara. Illi kollha kemm huma kienu għadhom kemm telqu mir-residenza tal-familja ta' Ephrayel Azzopardi u wara li kienu kielu, iddeċidew li joħorġu dawra bil-vettura.**
>
> **Illi l-inċident seħħ fuq in-naħa tal-lemin tat-triq meta wieħed iħares lejn Bormla. Illi l-inċident seħħ meta Ephrayel Azzopardi kien qed isuq il-vettura tiegħu u waqt li kien għaddej minflok li kkontrolla l-vettura huwa dar mal-**

[4] Fol.246 et. seq. tal-process

**liwja fejn il-vettura tiegħu bdiet miexja la ġemba bil-konsegwenza li baqgħet dieħla fil-vettura ta' Farrugia li kien ġej fi triqtu mid-direzzjoni opposta. L-impatt kien tant qawwi li bid-daqqa Alashia Azzopardi li kienet riekba fuq wara u s-sewwieq Ephrayel Azzopardi mbezzqu barra mill-vettura.**

**Illi mill-evidenza li tħalliet fuq ix-xena tal-allegat inċident irrizulta b'mod ċar illi qabel ma seħħet il-ħabta Ephrayel Azzopardi kien għaddej b'saħħtu u dan jidher ukoll mill-post impact li ħallew il-vetturi.**

**Illi f'din il-kollizjoni kemm Alashia u Ephrayel Azzopardi soffrew ġrieħi ta' natura gravi. Illi filfatt l-għada it-Tabib Dott. Alan Drago MD iċċertifika li Alashia Azzopardi kienet tilfet ħajjitha u ġiet iċċertifikatha mejta. Illi l-fatti juru li l-kawza tal-inċident seħħ minħabba sewqan perikoluz u negliġenti li bihom Ephrayel Azzopardi kien qed isuq il-vettura tiegħu."**

Jilmenta l-Avukat Ġenerali illi l-Ewwel Qorti, minflok qieset din il-fehma tal-espert Buttigieg, tat piż lil konklużjonijiet milħuqa mill-espert **l-Inġinier Keith Vella**, li nħatar fuq talba tad-difiża nhar il-31 ta' Mejju 2019 bħala inġinier mekkaniku sabiex jeżamina l-vettura *Isuzu Gemini* bin-numru ta' reġistrazzjoni CAE746, u in partikolari r-rota ta' quddiem[5]. L-imsemmi Inġinier ipprezenta ukoll ir-rapport tiegħu, fejn hekk ikkonkluda:

***From the damage sustained in the 2 cars, it appears that the Isuzu Gemini rear right mudguard hit the Toyota FunCargo front right. This explains the damage to the rear wheel suspension.***

***There were 22 metres of brake skid marks, according to the sketch.***

***It cannot be ascertained at the time of the inspection that the damage to the front suspension has occured due to the accident. It most probably occured during impact, given the length of the skid marks. It could equally have been a factor causing the accident, had the front hub been subject to any impact or fatigue, from a previous incident, causing a latent defect that propogated into failure. I, the undersigned, am not in possession of any photographs taken at the crash site, of the broken suspension parts. The car is missing its right halfshaft.***

Illi, *inoltre*, waqt id-depożizzjoni tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti, l-Inġinier Keith Vella, *inter alia*, tenna hekk:-

[5] Fol.318 et.seq. tal-proċess

> **"hemm rota ta' quddiem, tan-naħa tad-driver, li qegħdha mdawwra pero il-body f'dik l-area ma fihx daqqa ta' impatt konsiderevoli li wieħed jista' jgħid illi is-suspension inqasam minħabba fid-daqqa".**

U jkompli:-

> **"id-daqqa kienet kbira bizzejjed. Id-daqqa kienet daqqa kbira. Pero wieħed ma jistax jgħid jekk ir-rota ta' quddiem daritx minħabba fid-daqqa jew inkella marritx dik il-parti tas-suspension li tikkontrolla ir-rota ta' quddiem qabel; forsi kellha xi difett minn xi accident qabel. .... jiġifieri jekk tkun daret rota b'daqqa tippretendi li tara ħsarat oħrajn. Tippretendi li tara rim imkisser, tippretendi li tara xi sill, xi mudguard ta' quddiem mgħaffeġ konsiderevolment; li ma rajt xejn minnhom".**

Illi kemm l-espert Mario Buttigieg kif ukoll l-espert Inginier Keith Vella għandhom sengħa u ħila speċjali f'żewġ oqsma differenti. Filwaqt li l-inkarigu ta' Mario Buttigieg kien illi jistabbilixxi d-dinamika tal-inċident *de quo*, minn naħa l-oħra, l-inkarigu ta' Keith Vella kien wieħed minn aspett mekkaniku, u ċioe sabiex jistabbilixxi jekk il-vettura tal-appellat setax kellha xi difett eżistenti qabel l-inċident li seta' kien fattur ewlieni li wassal għas-sinistru. L-Avukat Ġenerali jressaq diversi lanjanzi marbuta mar-rapport ta' dan l-aħħar espert, Dok. KV1, u dan sabiex ifittex biex ixejjen l-konklużjonijiet minnu raġġunti. Jibda biex jikkontesta l-validita' tiegħu għaliex huwa redatt bil-lingwa Ingliża, meta l-proċeduri fil-Qorti tmexxew bil-Malti.

Illi l-Qorti ma taqbel xejn ma dan l-ilment imqanqal mill-Avukat Ġenerali. Huwa minnu li l-proċeduri ġew kondotti bil-lingwa Maltija, u huwa minnu ukoll li dan ir-rapport ġie redatt u eżebit bil-lingwa Ingliza. Pero' huwa minnu ukoll li ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni dwar l-istess, la da parti tal-Prosekuzzjoni u lanqas da parti tad-difiża, tant li ż-żewġ partijiet saħansitra ingħataw l-opportunita' mill-Ewwel Qorti li jagħmlu mistqosijiet lill-espert dwar il-konkluzjonijiet minnu milħuqa. Lanqas l-Avukat Ġenerali stess, fir-rinviji li segwew, ma talab lill-Qorti tordna li ssir traduzzjoni ta' dan ir-rapport. Huwa odjuż li issa, f'dan l-istadju ta' revizjoni, fejn il-Qorti ma tista' tagħti ebda rimedju, illi l-appellant jilmenta minn dan il-fatt meta kellu kull opportunita' jirrimedja fl-istadju opportun, kieku verament ħass il-ħtieġa li jagħmel dan. Illi, din il-Qorti ma tistax ma tinnotax ukoll li fl-Atti Proċesswali hemm rapport ieħor li ġie ppreżentat bil-lingwa Ingliza – u ċioe dak tal-patoloġisti – pero' huwa nteressanti ferm li l-istess Avukat Ġenerali għazel li ma jikkontestax il-validita'

ta' dak ir-rapport partikolari, imma qed jiġi kkontestat biss ir-rapport tal-Inġinier Vella. Illi fuq kollox fil-mira tal-leġislatur, fl-artikolu 534AD tal-Kodiċi Kriminali, hemm il-ħarsien tal-jeddijiet tal-persuna suspettata u/jew akkużata għal smigħ xieraq **"li jiżguraw li huma jistgħu jeżerċitaw id-dritt li jiddefendu ruħhom kif ukoll sabiex tiġi salvagwardjata proċedura ġusta."** Illi fil-fatt id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 189 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar il-Proceduri Gudizzjarji) huma konsoni ma' din id-disposizzjoni tal-liġi meta hemm ipprovdut b'liema lingwa għandhom isiru l-proċeduri meta l-persuna akkużata ma tkunx tifhem bil-lingwa maltija, tant għalhekk illi mid-diċitura fil-liġi huwa bil-wisq evidenti illi l-fatt illi dokument ma ikunx fil-lingwa li biha qed jitmexxew il-proċeduri ma iwassalx ghall-inammissibilita' tiegħu bħala prova, ħlief fiċ-ċirkostanzi li ssemmi l-liġi, u ċioe' meta l-persuna akkuzata jew imputata ma tkunx tista' tifhem il-kontenut tiegħu u għalhekk ma tkunx tista' tiddefendi ruħha. Għaldaqstant dan l-ilment ta'l-Avukat Ġenreali ċertament ma jisthoqqlux akkoljiment.

L-Avukat Ġenerali mbagħad jilmenta illi *"l-ezami li twettaq mill-Inġinier Keith Vella sar biss fuq il-vettura Isuzu Gemini meta bħala stat ta' fatt kien hemm vettura oħra involuta fil-każ odjern ... u għaldaqstant l-esponent sinċerament iħoss li tali inkarigu, li kien senjatament (fuq talba tad-difiza) 'li jinħatar espert mekkaniku', ġie espletat b'mod zbilanċjat u suġġettiv"*

Illi l-espert mekkaniku nħatar mill-Ewwel Qorti fuq talba tad-difiża, bil-parametri tal-inkarigu mogħti jemerġu mid-digriet tal-ħatra tiegħu hekk kif rifless fil-verbal tad-19 ta' Novembru 2018[6] , u ċioe' li *"jezamina l-vettura Izuzu Gemini CAE 746 li tinsab fil-compound tal-Pulizija Pembroke in partikolari r-rota ta' quddiem"*. L-inkarigu mogħti lill-Espert Vella kien wieħed **speċifiku** marbut unikament ma' l-eżami tal-vettura tal-għamla *Isuzu Gemini* bin-numru ta' reġistrazzjoni CAE 746 u għalhekk m'huwiex korrett li l-Avukat Ġenerali jgħid li l-espert espleta l-inkarigu tiegħu b'mod *"zbilanċjat u suġġettiv"*. Ma jidhirx minn eżami ta'l-atti illi l-Prosekuzzjoni, jew inkella l-Avukat Ġenerali, fir-rinviji li segwew l-ippreżentar tar-rapport ta'l-espert wara is-06 ta' Jannar 2020, ressqu xi talba sabiex l-Qorti testendi l-inkarigu tal-Inġinier bil-għan li tiġi

[6] Fol.278 tal-proċess

eżaminata l-vettura l-oħra nvoluta fis-sinistru. Għalhekk billi l-Inġinier Vella espleta l-inkarigu tiegħu ezatt kif ordnat lilu li jagħmel mill-Ewwel Qorti, l-Qorti qed tiċħad ukoll dan l-aggravju.

L-Avukat Ġenerali jillanja wkoll mill-fatt illi *"stranament, għalkemm ir-rapport tal-Inġinier Keith Vella għamel referenza għal zewġ rapporti ta' esperti tekniċi maħtura mill-Qorti Inkwerenti fil-mori tal-inkjesta odjerna, ossia Dok. KM ipprezentat minn PS 637 Kevin Manicolo, u Dok. RA ipprezentat minn AIC Richard Aquilina, jidher li ma sar ebda referenza għal Dok. MB ta' Dott. Mario Buttigieg nonostante r-relevanza tiegħu (anke dik xjentifika) u l-konkluzjonijiet li hemm fih"*

Illi, din il-Qorti tibda' billi tinnota li l-Inġinier Vella ġie maħtur aktar minn sena wara li seħħ l-inċident u għalhekk ma kellu qatt l-okkazjoni li jaċċedi fizikament fuq il-post tal-inċident sabiex jara u jikkonstata *ictu oculi* x-xena tas-sinistru. L-għan wara t-talba tiegħu sabiex ikollu aċċess għar-rapporti tal-uffiċjal tax-xena tar-reat, PS 637 u tal-Perit Aquilina, kien sabiex bl-għajnuna tar-ritratti tal-inċident, meħudin *a tempo vergine,*, u l-iskizz dwar l-istess, huwa jkun f'pożizzjoni aħjar jespleta l-inkarigu lilu mogħti. Ir-rapport tal-espert Mario Buttigieg ma fihx kostatazzjoni ta' fatti biss, kuntrarjament għal dak tal-esperti l-oħra, iżda fih opinjonijiet dwar il-mod kif seta' seħħ l-inċident u allura jmur lil hinn milli jagħti stampa *sic et simpliciter* tax-xena. Illi l-espert għandu jirrelata skont is-sengħa u l-ħila specjali tiegħu, li f'dan il-każ kien marbut mal-aspett mekkaniku tal-vettura involuta fl-incident, u mhux tad-dinamika ta'l-istess, mansjoni riposta f'idejn l-espert Buttigieg. Ma jidhirx illi l-espert Mario Buttigieg eżamina l-vetturi involuti mill-aspett mekkaniku u dan għaliex ma ġiex inkarigat jagħmel dan billi m'għandux sengħa u ħila speċjali fir-rigward. Għalhekk din il-Qorti tisħaq li l-fatt li l-Inġinier Vella ma ħax konjizzjoni tar-rapport tal-PL Buttigieg bħala parti mill-eżami kondott minnu, ma jissarrafx f'xi nuqqas li jista' iwassal biex xxejjen il-validita' tal-kontenut tiegħu, hekk kif qed jintenta jgħid l-Avukat Ġenerali. Huwa imbagħad rimess fil-ġudizzju aħħari ta' min hu imsejjaħ biex jiġġudika li jiżen il-konklużjonijiet tal-esperti nominati, bis-setgħa illi l-istess jistgħu mill-Qorti jiġu imwarrba u dan kif hemm imfassal fl-artikolu 656 tal-Kodiċi Kriminali meta hemm dispost illi "**min għandu jiddeċidi mhux marbut li joqgħod għall-fehma tal-periti kontra l-**

**persważjoni tiegħu."** Għalhekk lanqas f'din il-lanjanza hekk ventilata ma għandu ragun l-Avukat Ġenerali.

L-Avukat Ġenerali imbagħad jagħmel referenza għall-bran partikolari fir-rapport ta' l-Inġinier Vella u dan meta l-espert hekk jikkonkludi: -

> ***It cannot be ascertained at the time of the inspection that the damage to the front suspension has occured due to the accident. It most probably occured during impact, given the length of the skid marks. It could equally have been a factor causing the accident, had the front hub been subject to any impact or fatigue, from a previous incident, causing a latent defect that propogated into failure.***

Jgħid ukoll li l-istess Espert kien neboluż meta sostna illi d-daqqa ta' l-impatt kienet waħda kbira, madanakollu setgħet ma kinitx il-kaġun li wasslet biex ir-rota daret bil-mod li daret. Fl-aħħarnett, l-Avukat Ġenerali jgħid li l-magna li kellha l-vettura tal-appellat kienet waħda akbar minn dik li oriġinalment kienet attrezzata biha, liema fatt iġielgħha ittella' iktar *speed,* li fil-fehma tiegħu kien l-element li wassal għal inċident.

Illi, din il-Qorti tinnota li dak li l-Inġinier Vella kiteb fir-rapport tiegħu, huwa spjegah u amplifikah meta xehed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti nhar is-6 ta' Jannar 2020. Huwa tenna hekk - "*hemm rota ta' quddiem, tan-naħa tad-driver, li qegħdha mdawwra pero il-body f'dik l-area ma fihx daqqa ta' impatt konsiderevoli li wieħed jista' jgħid illi is-suspension inqasam minħabba fid-daqqa*". U jkompli – "*id-daqqa kienet kbira bizzejjed. Id-daqqa kienet daqqa kbira. Pero wieħed ma jistax jgħid jekk ir-rota ta' quddiem daritx minħabba fid-daqqa jew inkella marritx dik il-parti tas-suspension li tikkontrolla ir-rota ta' quddiem qabel; forsi kellha xi difett minn xi accident qabel*". U jkompli jamplifika – "*iġifieri jekk tkun daret rota b'daqqa tippretendi li tara ħsarat oħrajn. Tippretendi li tara rim imkisser, tippretendi li tara xi sill, xi mudguard ta' quddiem mgħaffeġ konsiderevolment; li ma rajt xejn minnhom*". Fil-fehma tal-espert mekkaniku, għalhekk, jidher illi li kieku r-rota tal-vettura misjuqa mill-appellat daret bħala konsegwenza tal-impatt tal-kollizzjoni, wieħed kien jistenna li jara ċertu tip ta' ħsarat oħra – liema ħsarat ma kienux preżenti fil-vettura. Dan iwassal għall-konkluzzjoni li hemm probabbilita' li l-ħsara fir-rota kienet hemm qabel ma sar l-inċident u kien propju minħabba f'dik il-ħsara li l-appellat tilef il-kontroll tal-

vettura u sar l-inċident. Dan jikkombaċja ma dak li kien filfatt qal l-appellat lill-Espert Mario Buttigieg –

> **Kif kont niezel kont qed insuq b'veloċita' ta' madwar ħamsin sa sittin ma nafx jekk humiex kilometri fis-siegħa jew mili fis-siegħa izda li niftakar li kont qed indaħħal il-gear mit-third għall-fourth. Għal xi raġuni t-third gear ma setax jinqala' , għafast il-clutch u f'xi ħin messejt il-brake. Ħassejt qisu xi ħadd jimbuttani minn wara u b'xi mod ħadet il-gass. Għafast il-brejk kollu u rajt id-dawl ġej għalija. Jiena dawwart l-isteering lejn in-naħa tax-xellug tiegħi u l-vettura skiddjat. Indunajt li ma kontx ser indur peress li kont niezel bis-saħħa.**

Dan ifisser li, fuq bażi ta' probabbilita', id-difiża irnexxielha tipprova li l-appellat seta' tilef il-kontroll tal-vettura tiegħu mhux għax kien qed isuq b'mod negliġenti jew traskurat, izda sempliċiment minħabba l-ħsara li seta' kellha r-rota tal-vettura misjuqa minnu li wasslet sabiex seħħ is-sinistru. Għalhekk, dan il-fatt ifisser li kien jezisti fattur, indipendenti mill-aġir ta' l-appellat, li minħabba fih l-event dannuż ġie ikkaġjonat.

Illi fl-istitut tal-*culpa*, hemm delinjati l-elementi li jsawwru l-istess li huma l-volontarjeta' ta' l-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibbilita' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, ħlief b'diliġenza straordinarja li l-liġi ma tesiġix, u li *semmai* tista' ġġib *culpa levissima* li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx ħtija[7]. Illi il-ġurista Francesco Carrara jgħid hekk dwar il-*culpa* –

> ***… il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo***
>
> - ***1° volontarieta` dell'atto***
> - ***2° mancata previsione dell'effetto nocivo***
> - ***3° possibilita` di prevedere.***

Illi, bl-istess mod, il-Professur Anthony J.Mamo, fin-noti tiegħu, jgħid hekk –

> ***In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have***

[7] *Vide* "Il-Pulizija vs John Vella", deċiza nhar il-15 ta' Diċembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali.

*foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable.*

**Il**li, l-Antolisei, iżda jimxi pass 'il quddiem mill-insenjament tal-Carrara u t-tejorija tal-prevedibbilita ta' l-azzjoni meta jqis illi tirriżulta il-kolpa meta jkun hemm in-nuqqas ta' l-osservanza tar-regoli tal-komportament, anki jekk l-event dannuż ma kienx wieħed prevedibbli u dan billi l-osservanza ta' dawn ir-regoli iwassal sabiex l-event dannuz ma iseħħx –

***Si tratta di regole di condotta volte a prevenire determinati accadimenti; tali regole possono essere sociali (negligenza imprudenza o imperizia) oppure giuridiche (regolamenti, ordini discipline). Quindi occorrono due requisiti:***

***(a) la violazione di una regola;***
***(b) che l'evento provocato sia esattamente quello che la norma voleva evitare.***

***In definitiva il giudizio di rimprovero è un rimprovero per leggerezza, perché il soggetto non è stato cauto e diligente come doveva.***

Illi, awturi oħra bħal Mantovani u il-Padovani jabbinaw din ir-regola ta' l-Antolisei mar-regoli tal-prevedibbilita u l-inevitabbilita' biex b'hekk il-*culpa* fil-fehma tagħhom tinkwadra ruhha f'erba elementi -

1. ***un requisito oggettivo consistente nella violazione di una regola di condotta;***
2. ***un requisito soggettivo, cioè la capacità di osservare tale regola;***
3. ***l'evitabilità dell'evento mediante l'osservanza di tale regola;***
4. ***la prevedibilità ed evitabilità, cioè che il soggetto avesse la capacità o la possibilità di tenere un comportamento diverso.***

Illi, dak illi għandu jiġi stabbilit kwindi huwa, jekk l-event kienx wieħed fortwit, jew jekk kienx hemm sitwazzjoni ta' emerġenza subitanea, tant għalhekk illi l-event dannuz ma seta' qatt jiġi evitat anke jekk bl-ezerċizzju għoli ta' diliġenza u bl-osservanza tar-regoli kollha tal-imġieba xierqa fit-triq. Sitwazzjoni bħal din ċertament teskludi kull forma ta' negliġenza, imprudenza, traskuraġini jew non-osservanza tar-regoli ta' komportament mistennija, fit-termini ta' dak li jfassal l-Antolisei sabiex jistabilixxi l-kolpa.

Illi allura mill-konklużjonijiet milħuqa mill-espert l-Inġinier Vella, abbinat ma' dak mistqarr mill-appellat dwar x'wassal sabiex huwa tilef il-kontroll tal-vettura tiegħu, l-Ewwel Qorti kienet tal-fehma illi l-appellat irnexxielu, fuq bazi ta' probabbilita', jipprova illi l-kawza prossima ta'l-inċident ma kenitx dovuta għal veloċita eċċessiva li kien għaddej biha, u li allura setgħet wasslitu biex jitlef il-kontroll fis-sewqan tiegħu, iżda setgħet kienet kaġun tal-ħsara mekkanika li żvillupat fir-rota meta jidher li inkiser ix-xaft tas-*suspension* tant illi l-vettura bdiet tiġbed lejn il-ġenb, b'veloċita li l-appellat ma setax irażżan, b'mod li huwa ma setax ikollu kontroll aktar fuqha.

Illi lanqas dak li jikkontendi l-Avukat Ġenerali, u ċioe' illi l-magna tal-vettura tal-appellat kienet waħda akbar minn dik oriġinali, li allura setghet ittella' aktar velocita', ma jwassal sabiex jeradika mid-dubbju li hemm fl-atti proċesswali dwar x'kienet il-kawza prossima tal-inċident. Jiġi mfakkar li l-istess Espert Vella sostna li avolja magna akbar milli suppost iżżid il-veloċita' tal-vettura, pero' "*il-magna ma tikkawzax aċċident*", ma' liema fehma l-istess Prosekuzzjoni qablet meta għaddiet ir-rimarka sussegwenti – "*Pistola ma toqtolx nies*".

L-Avukat Ġenerali jagħmel ukoll referenza għall-kumment dwar il-velocita' li jsuq biha l-appellat li allegatament għamel missier l-appellat, lill-istess appellat, meta dan wasal fuq ix-xena tal-inċident, kif rapportat fix-xiehda tal-pulizija, fosthom PC595 u PC583, li kienu preżenti dak in-nhar, liema kumment kien jikkonsisti fil-kliem, "*Xbajt ngħidlek biex issuq bil-mod u issa ara x'ġara*".

Illi, primarjament, huwa fatt inkontestat li missier l-appellat ma kienx xhud okulari ta' dan l-inċident u għaldaqstant ma seta' qatt jgħid, b'ċertezza, jekk ibnu kienx qed isuq b'veloċita *o meno* dakinhar. X' kien jagħmel l-appellat qabel id-data ta' l-inċident ma għandha l-ebda rilevanza għall-kaz *de quo*. Illi dak li xehdu l-Pulizija fir-rigward tal-kliem li semgħu lill-missier l-appellat jgħid, hija biss prova li sar dak id-diskors, iżda mhux prova ta' fatt u ċioe' li dak li qed jgħid l-istess missier huwa tassew minnu. Fuq kollox il-Prosekuzzjoni qatt ma ressqet lil missier l-appellat jixhed, għalkemm dan mhuwiex *a compellable witness*.

**Ikkunsidrat:**

Illi magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet fattwali, legali u ġurisprudenzjali, il-Qorti għalhekk hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konkluzjonijiet li wasslet għalihom. Jiġi mfakkar li f'kaz ta' inċident fejn hemm nuqqas ta' xhieda okulari, il-provi indizzjarji jieħdu rwol importanti ħafna u jridu, faċilment u mingħajr bzonn ta' ħafna tiġbid tal-imaġinazzjoni, jagħtu stampa ċara tad-dinamika ta' l-istess inċident.

Illi, din il-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-kaz ir-responsabbilita' kriminali fuq l-appellat ma ġietx ippruvatha mill-Prosekuzzjoni sal-grad rikjest mill-Liġi, u ma nġabux provi konkreti li juru li l-kawza prossima tas-sinistru stradali, li kien wieħed fatali, kien attribwibbli għas-sewqan perikoluż, traskurat jew negliġenti tal-appellat. Dan għaliex l-Ewwel Qorti kellha żewġ rapporti tal-esperti minnha maħtura li kienu jwasslu għal konklużjonijiet differenti b'wieħed, dak tal-espert Buttigieg, jattribwixxi il-ħtija lis-sewqan eċċessiv tal-appellat, filwaqt li dak tal-Inġinier Vella jindika illi r-rota tal-karozza misjuqa mill-appellat seta' zviluppalha difett mekkaniku, u li seta' kien eżistenti qabel l-impatt, li wassal lill-appellat sabiex jitlef il-kontroll tal-vettura minnu misjuqa.

Illi fuq kollox ma hemmx provi in atti li jindikaw illi l-appellat kien qed isuq taħt l-influwenza tax-xorb, kif lanqas hemm prova dwar il-veloċita' li biha l-appellat kien qed isuq qabel l-impatt. Fid-depożizzjoni tiegħu mogħtija lill-Espert tal-Qorti Mario Buttigieg, l-appellat sostna li kien qed isuq "*b'veloċita ta' madwar ħamsin sa sittin*" u ma nġabet l-ebda prova li xxejjen lill-istess. Di fatti, l-istess Espert Buttigieg, fir-rapport tiegħu jgħid hekk:–

> **"Illi fejn allegatament seħħ l-inċident m'huwiex imdawwar bil-bini. Għalkemm sessjoni 127 tal-Motor Vehicle Regulation jgħid li l-veloċita ta' vettura misjuqa ġo nħawi bħal dawn m'għandiex teċċedi l-veloċita ta' 80 kilometru fis-siegħa, f'dawn l-inħawi hemm tabelli fejn jindikaw li limitu tal-veloċita hi dik ta' sittin kilometru fis-siegħa".**

Huwa minnu li aktar 'il quddiem fl-istess rapport tiegħu, l-Espert jikkonstata li l-vettura tal-appellat kienet "*għaddejja tant b'saħħitha li s-sewwieq tal-vettura għamla Isuzu ma setax jikkontrolla l-vettura tiegħu*" pero' huwa minnu ukoll li ġie kkonstatat minn Espert ieħor tal-Qorti, l-Inġinier Keith Vella, li seta' kien hemm difett fir-rota tal-

vettura in kwistjoni qabel l-inċident, kif ingħad aktar 'il fuq, li kkontribwiet għall-istess, inkluż il-fatt li l-appellat ma setax iniżżel il-*gear* li kien qed isuq bih u għalhekk ma setax inaqqas il-veloċita' li kompliet iżżid hekk kif il-vettura kompliet għaddejja fit-traġitt tagħha. Għalhekk din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti, ma tistax tkun moralment konvinta bil-ħtija tal-appellat għar-reati lilu addebitati, u dan lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**